## Il- Vokali u l-Konsonanti

1. L-alfabett Malti fih 30 ittra: **6 vokali u 24 konsonanti**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **a** | **b** | **ċ** | **d** | **e** | **f** | **ġ** | **g** | **għ** | **h** |
| **ħ** | **i** | **ie** | **j** | **k** | **l** | **m** | **n** | **o** | **p** |
| **q** | **r** | **s** | **t** | **u** | **v** | **w** | **x** | **ż** | **z** |

**Importanti li niftakru li l-*għ* u l-*ie* huma ittra waħda!**

**2.** Il-vokali huma: **a, e, i, o, u, ie**

i. Il-vokali ***ie*** tinkiteb darba waħda biss f'kelma. Dejjem żomm l-aħħar ***ie*** tal-kelma.

Eż: missirijiet **mhux** missierijiet bibien **mhux** biebien

**ii.** Meta kelma tispiċċa bil-vokali, l-**i** tal-kelma ta' wara tinbidel f'**j** u l-**u** tinbidel f' **w.**

Eż: Ħarqu **j**dejhom; Beda **j**salli; Qablu **w**koll

iii. Importanti li ninnutaw li **2 vokali fejn vokali jistgħu joqogħdu**:

Eż: **poeta**; **egoist**; **maesta** (Dan huwa kliem li ġej mit-Taljan)

Niktbu **j** jew **w** bejn il-vokali għax il-kliem ikun ġej mill-Ingliż!



Eż: **wajer**; **plejer**; **xawer**

**Vokali ħdejn vokali joqogħdu wkoll f'sentenzi:**

Eż: Kienu veru importanti;

Aħna interessati nixtruhom

3. Insibu konsonanti **rotob** u dawk **qawwija**. Il-konsonanti rotob huma: **p, t, k, f, s, x, ċ, ħ.** Dawn ngħidulhom hekk għax jitnisslu bil-ħlewwa.

Il-konsonanti qawwija huma: **b, d, ġ, g, għ, h, v, ż**. Dawn għandhom ħoss qawwi.

Il-konsonanti rotob u qawwija jixxiebhu u kultant jinstemgħu l-istess.

| **Qawwija** | | **Ratba** | | **Qawwija** | | **Ratba** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| b | tinstema' | p | | v | tinstema' | f |
| d | tinstema' | t | | ġ | tinstema' | ċ |
| g | tinstema' | k | | ż | tinstema' | s |
| għ/h | tinstema' | ħ | | | | |

Meta jkollok diffikultà liema ser tikteb, oħroġ il-femminil jew il-plural.
Eż: ħobż għax ħobża; nerv għax nervituri

4. Il-konsonanti xemxin huma: **ċ, d, n, r, s, t, x, z, ż**
Innota li meta tpoġġi l-artiklu quddiem kliem li jibda b'konsonanti xemxin (l-) tal-artiklu tinbidel u ssir konsonanti xemxija.
Eż: is-sufan mhux il-sufan; in-nannu mhux il-nannu

ii. Il-konsonanti qamrin huma: **b, f, ġ, g, għ, h, ħ, j, k, l, m, p, q, v, w**

5. Il-konsonanti dgħajfin huma: **j** u **w**

i. Dawn jissejħu dgħajfin għax f'xi każi jaqgħu jew jinbidlu. Il-**j** tinbidel f'**i** u l-**w** tinbidel f'**u**.
Eż: Toni **j**mur kuljum; Toni kien **i**mur kuljum
Pawlu **wi**żen kollox; Kif **u**żint indunajt.

ii. Il-konsonanti dgħajfin, biex jinkitbu doppji ħdejn xulxin, iridu vokali qabel u wara.
Eż: me**jj**et imma me**j**ta; se**jj**aħ imma se**j**ħet

iii. Importanti li niftakru li l-konsonanti dgħajfin **j** u **w** ma joqogħdux fis-sekwenza ta' **ij** u **uw** jekk warajhom ma tiġix vokali.
Eż: m**ij**a mhux mijja; z**ij**a mhux zijja; pr**uw**a mhux pruwwa.